MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 870/2009

**Anthony Sammut ID 32949M**

**vs**

**Ignatious u Pamela konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu in solidum lill-attur is-somma ta' elf, mija, wiehed u tlettin Euro u hmistax-il centezmu (€1,131.15c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il- konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2011, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija, wiehed u tlettin Euro u hmistax-il centezmu (€1,131.15c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------